**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Avviz Nru. 251/2015MV**

**Automated Revenue Management Services Ltd**

**vs**

**Joseph Farrugia**

**Illum, 28 t'Ottubru 2015**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Joseph Farrugia tal-24 t'Awissu 2015, permezz ta' liema l-istess rikorrent qed jikkontesta l-ittra ufficcjali numru 1323/2015 tat-tmienja (8) ta' Gunju elfejn u hmistax (2015) permezz ta' liema is-socjeta' mittenti talbet lill-konvenut Joseph Farrugia jhallas is-somma ta' hames t'elef, sitt mija u wiehed u

hamsin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€5,651.37) relattiv ghall-fond bin-numru 71, Triq id-Dejqa, Bormla, Malta;

U dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi t-talbiet kontenuti fl-imsemmija ittra huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

1. Fl-ewwel lok il-mittenti jeccepixxi l-privilegium fori u dan peress illi l-mittenti huwa residenti fil-gzira ta' Ghawdex u ghalhekk kwalunkwe procedura kellha tigi intavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u mhux quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta);

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-esponenti jirrileva illi l-imsemmija hlasijiet relattivi ghall-fond imsemmi kienu gew debitament saldati u infatti l-esponenti anke hallas il-kontijiet kollha relattivi li kien jircievi u dawn kienu jigu debitament imhallsa;

3. Illi jirrizulta wkoll, kif jidher mill-kopja ta' l-ahhar kont hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, illi l-meters relattivi kienu gew debitament moqrija bhala 'actual' u l-meters kienu gew rimossi ghall-hlas totali ta' tliet mija u erbgha u erbghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€344.51);

4. Illi ghaldaqstant, l-esponent ma ghandu l-ebda obbligazzjoni li jhallas l-imsemmi ammont;

Ghaldaqstant, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara t-talba tal-atturi bhala infondata fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta' rikorrenti intimata *Automated Revenue Management Services Limited* f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma a fol. 13 tal-process li permezz taghha tiddikjara illi l-ittra ufficjali bin-numru 1323/15 giet irtirata permezz ta' nota prezentata fl-atti tal-ittra ufficjali *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1323/15 sabiex hija tkun tista' tirregola ruhha ahjar u dan hekk kif jidher fid-dokument anness bhala **Dok. ARMS**;

Rat l-imsemmi dokument a fol. 14 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-07 t'Ottubru 2015;

Ikkunsidrat:

Illi din is-sentenza tirrigwarda biss il-kap tal-ispejjez stante illi l-mertu gie ezawrit in vista tan-nota responsiva tas-socjeta rikorrenti intimata tat-28 ta' Settembru 2015.

Il-Qorti tqis illi qabel ma wiehed jipproponi xi azzjoni gudizzjarja ghandu jizen sew l-azzjoni li jkun se jiehu u l-jedd illi jippretendi li ghandu. Fin-nuqqas dan iwassal biss ghall-istituzzjoni ta' proceduri bla bzonn ghad-detriment mhux biss ta' min jircievi l-istess proceduri izda ukoll ghad-detriment ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Is-socjeta’ rikorrenti intimata kellha tara x'jeddijiet ghandha kontra l-intimat rikorrent qabel interpellatu biex ihallas, se mai kellha xi jedd fil-konfront tieghu, u mhux tinterpellah sabiex ihallas u wara tirregola l-posizzjoni taghha dwar kellux ihallas jew le.

Il-procedura provduta mil-ligi taht l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda hemm biex thaffef il-procedura biex is-socjeta’ rikorrenti intimata tigbor dak dovut lilha izda mhix hemm biex taghti lok ghall-abbuz da parti tal-istess socjeta’ rikorrenti intimata. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt li s-socjeta’ rikorrenti intimata ghandha monopolju fil-provvista tas-servizzi li tipprovdi lill-pubbliku liema stat ta' fatt ipoggi lill-istess socjeta’ f'posizzjoni ta’ poter fil-konfront tal-konsumaturi taghha. Dan iwassal lil hafna konsumaturi biex ma jikkontestawx it-talbiet taghha anke jekk jahsbu li ghandhom ragun u dan minhabba l-biza’ li jispiccaw minghajr servizz u hafna drabi wkoll minhabba li ma jkollhomx il-mezzi biex jikkuntestaw tali talbiet.

Illi fil-kawza odjerna is-socjeta rikorrenti intimata rrinunzjat ghall-procedura li kienet ghamlet biex tigbor hlas minn ghand l-intimat rikorrent, billi irtirat l-istess procedura, u dan ghamlitu biss wara kontestazzjoni da parti tal-intimat rikorrent.

Illi it-Titolu IX tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jirregola r-Rinunzja ta’ l-Atti u in partikolari l-hlas ta’ l-ispejjez taht l-Artikolu 907 (1) u (2) meta jkun hemm rinunzja ghall-atti.

Il-Qrati taghna gia kellhom diversi istanzi fejn gie deciz illi min jipproponi kawza u wara jirrinunzja ghaliha ghandu jbaghti l-ispejjez hu. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuele Aquilina vs Giovanni Pietro Spiteri, Prim Awla, deciza fil-31 ta’**

**Mejju 1961,** il-Qorti ddecidiet illi: "Il-parti li tirrinunzja ghall-attijiet ta' kawza ghandha thallas l-ispejjez ta' l-istess kawza".

Similment, Il-**Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-kawza Giovanna Mangion vs Joseph Meli Bugeja et, deciza fit-30 ta' Gunju 1960**, rriteniet: "Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ta' kawza hija obbligata thallas l-ispejjez ta' dik il-kawza, u ma tistghax tibda kawza ohra ghall-istess azzjoni qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra. Din id-dispozizzjoni tapplika wkoll meta l-azzjoni tigi riproposta f'Qorti diversa minn dik li quddiemha kienet giet qabel proposta; u dan id-difett ma jistghax jigi sanat billi l-parti li naqset thallas dawk l-ispejjez toffri l-hlas taghhom waqt it-trattazzjoni tal-kawza riproposta. Lanqas ma hu ta' ostaklu ghall-applikazzjoni ta' din id-dispozizzjoni l-fatt illi l-parti tkun giet ammessa ghall-beneficcju tal-foqra biex tistitwixxi l-gudizzju mill-gdid."

Illi dan is-suggett gie ukoll studjat f'certu dettal fil-kawza **Emmanuele Borg vs Arturo Mirasole, deciza fil-05 t'April 1954, mill-Qorti tal-Appell,** fejn l-istess Qorti ddecidiet illi: "L-attur jista' jirrinunzja ghall-attijiet tal-kawza, u jcediha, f'kull waqt tal-kawza sas-sentenza definitiva; u sakemm dik ir-rinunzja tkun pura u semplici, il-konvenut ma jistax ma jaccettahiex; salv l-obbligu tar-rinunzjant li jhallas l-ispejjez. Ir-rizervi apposti fin-nota tar-rinunzja ma jirrendux ir-rinunzja kondizzjonata, u kwindi ma jaghtux lill-konvenut id-dritt li ma jaccettax ir-rinunzja b'dawk ir-rizervi. L-ispejjez li l-attur rinunzjant huwa obbligat ihallas huma dawk li jirrizultaw mill-istess kawza, fosthom id-dokumenti li jkunu gew ezibiti; u ma jidhlux f'dawn l-ispejjez dawk id-dokumenti li l-konvenut ikun gabar u lesta sabiex jezibihom fil-kawza u li ma jkunx lahaq ezibixxa qabel giet ceduta l-kawza."

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi r-rikors odjern billi tilqa' it-talba tal-intimat rikorrenti ghall-hlas tal-ispejjez tal-prezenti procedura liema spejjez ghandhom jigu sapportati in toto mis-socjeta' rikorrenti intimata, bl-imghax mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur